# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 7**

**Citazzjoni numru 389/04 AL**

**Paul u William Beck in rappresentanza ta' Beck Graphics Ltd (C 6899)**

**v.**

**Michael Falzon in rappresentanza ta' Water Services Corporation**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-atturi Paul u William Beck in rappreżentanza ta' Beck Graphics Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Marzu 2012 li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet kollha tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fis-27 ta' Mejju, 2004, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

1. "Illi fid-9 ta' Frar, 2004, il-Water Services Corporation qatghu l-provvista ta' ilma ghal fire hydrant li huwa nstallat fil-bini industrijali li s-socjeta' attrici ghandha fi Triq San Giljan, San Gwann;
2. "Illi dan il-fire hydrant kien gie installat mis-socjeta' attrici fis-snin tmenin meta bdiet topera bhala printing press u bhala mahzen ghal printing paper. Illi qabel is-socjeta' attrici setghet tibda topera kellha bzonn il-licenzji kollha necessarji u kellhom isegwu wkoll certi istruzzjonjiet minghand l-Malta Police Fire Brigade biex ikollhom il-instrumenti kollha necessarji ghat-tifi tan-nar. Wiehed minn dawn il-instrumenti kien proprju l-installazjoni ta' dan il-fire hydrant. Is-socjeta' attrici kellha tibni wkoll reservoir tal-ilma biex jintuza eskluzivament ghat-tifi tan-nar;
3. "Illi fit-8 ta' April 2004 is-socjeta' attrici baghtet ittra lil Korporazzjoni konvenuta fejn staqsietha sabiex terga tirripristina l-influss ta' ilma lil fire hydrant – Dok BG 1. Ic-Chairman tal-Water Services Corporation, Michael Falzon, baghat risposta biss fid-19 ta' April 2004 – Dok BG 2. F'din ir-risposta, il-konvenuti spjegaw li r-raguni ghaliex kienet nqatghet il-provvista tal-ilma ghal fire hydrant kien li "connecting fire hydrants to the water distribution system is against WSC policy". F'din l-ittra spjega wkoll li "The water distribution system is not as reliable as a stand alone system as it is liable to suspensions – more so in case of an emergency. Therefore it is in the interest of your clients to ensure that they have a stand alone supply of water (such as a reservoir) to service their fire hydrant". Il-konvenuti allegaw li "Fire hydrants connected to the WSC water distribution system could lead to unaccounted for water through water theft or other misuse beyond the Corporation's control."
4. "Illi fis-27 ta' April 2004, is-socjeta' attrici tramite il-konsulenti taghhom, ProVision Consultants Ltd. baghtu petizzjoni lil Malta Resources Authority – Dok BG 3 – sabiex ssir investigazzjoni dwar il-agir tal-korporazzjoni konvenuta, u fis-17 ta' Mejju 2004, il-Malta Resources Authority wara investigazzjoni, ordnat lil Water Services Corporation sabiex jergghu jipprovdu l-influss ta' ilma lejn il-fire hydrant li jinsab fil-bini tas-socjeta' attrici – Dok BG 4;
5. "Illi l-konvenuti ghadhom ma hadux il-passi necessarji sabiex l-influss ta' ilma jkun assigurat lejn il-fire hydrant, u b'dan il-agir il-konvenuti qeghdin jesponu ghal perikolu kostanti kemm il-hajja tal-haddiema tas-socjeta' attrici u kemm lil proprjeta tas-socjeta' attrici u anki ghal danni gravi u sostanzjali;

6. “Illi ghalkemm interpellati b’protest datat 14 ta’ Mejju 2004, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ghalhekk is-socjeta attrici qeghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tisma’ din il-kawza b’urgenza;

“Talbu li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. “Tiffissa zmien qasir u perentorju li fih il-konvenuti ghandhom jergghu jirripristinaw il-komunikazzjoni tal-ilma mal-fire hydrant li jinsab fil-bini tas-socjeta’ attrici;
2. “Tiffissa rata ta’ penali giornaliera li ghandha tehel il-Korporazzjoni konvenuta ghal kull gurnata ta’ nuqqas tal-kumunikazzjoni ordnata min din l-Onorabbli Qorti fit-talba precedenti;

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest datat 14 ta’ Mejju 2004;

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-atturi;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma, *in forza* taghha hija eccepiet :

1. “Illi ma kienitx il-korporazzjoni konvenuta li qatghet il-provvista ta’ l-ilma tas-socjeta’ attrici;
2. “Illi s-socjeta’ attrici ma tistax tippretendi li jkollha servizz ta’ l-ilma bla ma thallas ghal tali servizz, kif kien is-servizz ta’ l-ilma mertu ta’ din il-kawza;
3. “Illi jirrizulta illi s-socjeta’ attrici ghandha fil-fond taghha servizz ta’ l-ilma li minnu tista’ timla u tissupplixxi t-tankijiet ta’ l-ilma li l-istess socjeta’ attrici zzomm ghat-tifi tan-nar;
4. “Illi l-korporazzjoni konvenuta hija disposta li taghti lis-socjeta’ attrici servizz ta’ l-ilma skond il-ligi jekk u meta l-istess socjeta’ attrici tapplika ghal tali servizz skond il-ligi u tintrabat li thallas ghal tali servizz skond il-ligi;
5. “Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-fatt stess li fire hydrant ikun konness mal-main tad-distribuzzjoni ta’ l-ilma imur kontra l-policy tal-korporazzjoni konvenuta, u dan ghar-ragunijiet indikati fl-ittra li c-Chairman tal-korporazzjoni konvenuta baghat lis-socjeta attrici fid-19 ta’ April, 2004, liema ittra tinsab esibita mac-citazzjoni (Dok. BG 2);
6. “Illi, ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici;
7. “Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata u il-lista tax-xhieda tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma;

“Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

“Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet;

“Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

“Ikkunsidrat :

“Illi s-socjeta’ attrici esebiet rapport tekniku ex parte imhejji mill-Inginier Fabio Stivala datat l-1 ta’ Marzu 2005 rigward il-fire hydrant li ittelghet fil-fond tal-fabbrika tas-socjeta’ attrici.

“Ikkunsidrat :

“Illi xehed James Newille, Senior Station Officer fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili, u ikkonferma illi d-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili mhuwiex sodisfatt bil-pressa tal-ilma illi hemm fil-fire hydrant fil-fabbrika tas-socjeta’ attrici u dana wara illi s-socjeta’ attrici regghet inghatat meter u servizz ta’ ilma mill-korporazzjoni konvenuta. Is-Sur Newille xehed illi l-pressa tal-ilma ghandha tkun adegwata il-hin kollu u mhux f’kaz ta’ emergenza biss. Huwa xehed illi kien kellem lill-Inginier illi kien qalilhom li ma setghux izidu il-pressa tal-ilma il-hin kollu peress illi kien hemm il-biza illi setghu jinfaqghu xi pipes. Ix-xhud kompla jghid illi huwa ra il-pajpijiet tal-ilma li saru godda u ra illi dawn il-pajpijiet kienu dojoq wisq sabiex il-korporazzjoni tkun tista izzid il-pressa tal-ilma u lil Inginier Riolo kien qallu illi din kienet ir-raguni ghalfejn il-korporazzjoni ma setghetx izzid il-pressa tal-ilma peress illi kienet tibza illi il-pajpijiet kienu jinqasmu.

“Illi xehed l-Inginier Fabio Stivala, ikkonferma ir-rapport tieghu illi ghamel ex parte fuq inkarigu tas-socjeta’ attrici u qal illi l-pajpijiet illi gew istallati mhumiex wiesgha bizzejjed sabiex jista jintuza il-fire hydrant tas-socjeta’ attrici. Huwa xehed ukoll illi l-pajpijiet tal-ilma mhumiex tad-daqs skond ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropeja.

“Ikkunsidrat :

“Illi xehed l-Inginier Stefan Riolo, l-inginier responsabbli mir-regjun in kwistjoni, u dwar ir-rapport tal-Inginier Fabio Stivala xehed illi l-apparat illi tuza il-Water Services Corporation huwa installat xi mitt metru ‘il fuq mill-Fire Hydrant tas-socjeta’ attrici u dan l-apparat jimmoniterja il-flow u l-pressa tal-ilma u jikkontrollaha sabiex innaqqas il-hsara tal-ilma u skond ix-xhud il-korporazzjoni ghamlet dan b’success. Huwa kompla jixhed illi hemm problema teknika li meta tistalla l-aparat irid ikun kbir bizzejjed biex jekk ikunu iridu in-nies jikkunsmaw, izda irid ikun zghir bizzejjed biex jirrispondi ghad-domanda u jekk taghmlu kbir ma jirrispondix ghad-domanda u ma jaghmilx xogholu dan l-apparat u ghalhekk il-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma tistaqsi kemm huwa effettiv li wiehed iwahhal fire hydrant mas-sistema tal-korporazzjoni konvenuta meta jkun imwahhal wara dan l-apparat specjali li qeghda twahhal il-korporazzjoni konvenuta, bhalma ghandha xi tlett mija minnhom f’Malta u Ghawdex. Ix-xhud kompla jghid illi s-sistema illi

installat il-korporazzjoni konvenuta biex tikkontrolla l-ilma ma kienitx hemm hekk meta originarjament gie installat il-fire hydrant ghand is-socjeta' attrici. Ix-xhud qal illi jekk jinqalghu xi nirien fil-fabbrika tas-socjeta' attrici il-fire hydrant zgur mhux ser ikun effettiv, izda ikkonferma illi qabel il-korporazzjoni konvenuta installat is-sistema li ghandha illum il-gurnata il-fire hydrant kien ikun effettiv f'kaz ta' nirien.

"Ikkunsidrat :

"Illi xehed Patrick Murgo, illi kien jahdem mad-dipartiment tal-Protezzjoni Civili, u qal fir-rigward tal-fire hydrant installata fil-fabbrika tas-socjeta' attrici, illi hu kien ikkonstata illi kien hemm nuqqas ta' ilma peress li ma kienx hemm pressa bizzejjed u li kienu issuggerew lill-Korporazzjoni tal-Ilma illi kien hemm bzonn illi jinstallaw fire hydrant f'lokalitajiet f'Malta, izda ma kienux indikaw il-lokalita fejn hemm il-fabbrika tas-socjeta' attrici. Huwa xehed illi hemm zewg tipi ta' water hydrants, l-ewwel tip huwa li jintuza direttament l-ilma biex jintefa in-nar u it-tieni tip huwa dak li jintuza biex tigi supplita il-fire engine bl-ilma li umbaghad jintuza biex jintefa in-nar. Kien gie deciz illi kellu jkun hemm fire hydrants f'ammont bizzejjed biex jimlew il-vetturi tat-tifi tan-nar u gieli jkun hemm okkazzjonijiet fejn juzaw l-ilma id-Dipartiment tac-Civil Protection, fis-sens illi hemm xi reservoirs bl-ilma u gieli wkoll kien iqqabdu kuntratturi biex igibu bowser tal-ilma f'kaz ta' xi emergenza.

"Ikkunsidrat :

"Illi s-socjeta' attrici esebiet ittra li baghtet lid-Dipartiment tal-Ilma fit-12 ta' Frar 1987 li permezz taghha applikat sabiex tinghata il-permess tinstalla fire hydrant fil-fabbrika taghha.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-attur William Beck xehed illi huma riedu li jkollhom l-istess servizz bhalma kellhom qabel u cioe' il-cover tal-pipes ghandhom jibqghu l-istess. Huwa irrefera ghar-rapport illi ghamel l-Inginier Stivala u qal illi l-fire hydrant kien qieghed jigi servut b'pipe ta' erba pulzieri. Mistoqsi xi hxuna kien is-service pipe li kien diehel mill-main tal-Water Works, ix-xhud rega qal illi l-pipe ma kienx izghar minn erba' pulzieri.

"Ikkunsidrat :

"Illi meta rega' xehed is-Sur Riolo, huwa ikkonferma li f'Settembru 2005 kien hemm nar fiz-zona fejn hemm il-fabbrika tas-socjeta' attrici u meta gew tas-Civil Protection biex jippruvaw jitfu in-nar, il-pressa tal-fire hydrant fil-fabbrika tas-socjeta' attrici ma kienitx bizzejjed biex jintefa in-nar.

"Ikkunsidrat :

“Illi rega’ xehed l-Inginier Fabio Stivala u qal illi fire hydrant meta jkun inqabbad ma main tal-ilma jew ma pompa, dejjem irid ikollu pipe ta’ erba’ pulzieri minhabba il-pressa tal-ilma li tkun trid tghaddi minn dan il-pipe. Huwa kompla jixhed illi fil-kaz de quo il-fire hydrant kien diga installat u il-pipe kien ta’ erba’ pulzieri fil-passat, izda sussegwentement dan il-pipe gie ifflangjat, ghamlulu tapp u minn dan it-tapp illi huwa tas-sitta johrog reduced pipe tal-pulzier, pulzier u nofs, u dan iffiser illi il-pipe gie imnaqqas fil-qies tieghu. L-Inginier Stivala xehed illi l-pipe il-gdid huwa ma rahx peress illi qieghed midfun taht l-art. L-Inginier Stivala xehed ukoll li minkejja il-fatt illi ma kienx ra il-kanen proprja ra ritratti taghhom li kien urieh il-klijent tieghu, l-attur nomine. Huwa xehed ukoll illi jekk il-kanen humiex tal-ghoxrin, jew ta’ tnejn u tletin millimetru, il-fire hydrant installat fil-fabbrika tas-socjeta’ attrici ma ghandux bizzejjed pressa tal-ilma sabiex jista jahdem kif suppost.

“Ikkunsidrat :

“Illi xehed Anthony Rizzo, il-Kap Ezekuttiv tal-Awtorita ta’ Malta dwar ir-Rizorsi, u qal illi meta gara l-incident in kwistjoni huwa kien il-kap ezekuttiv tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Huwa ftakar il-kaz mertu tal-kawza odjerna u qal illi minhabba in-nuqqas ta’ garanziji huma kienu skonnetjaw il-water hydrant u ghamluh wara il-meter. Is-Sur Rizzo xehed illi il-fire hydrant qabel kien qabel il-meter, jigifieri kull konsum ma kienx qieghed irregistrat mal-meter. Apparti minn hekk, huwa xehed illi l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma mhijiex responsabbli li tipprovdi ilma ghall-fire hydrants. Huwa qal illi fil-post kien hemm diversi leakages f’dawk l-inhawi, kien hemm pajpijiet li riedu jinbidlu u eventwalment tbiddlu. Ix-xhud ftakar illi f’xi zmien huwa kien avza lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma sabiex terga tinstalla il-fire hydrant fil-fabbrika tas-socjeta’ attrici.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti rat illi wara li giet ipprezentata il-kawza odjerna, is-socjeta’ attrici applikat mal-korporazzjoni konvenuta biex jitwahhal meter ma dan il-fire hydrant u fil-fatt hekk sar u il-korporazzjoni konvenuta bdiet tallega li b’hekk is-servizz kien gie irripristinat, izda is-socjeta’ attrici isostni illi ghalkemm is-servizz gie ripristinat, peress illi l-kanen li intuzaw mill-korporazzjoni konvenuta mhumiex tad-daqs li kienu qabel u lanqas huma tad-daqs kif suppost, is-sitwazzjoni hi illi effettivament is-socjeta’ attrici ma ghandhiex is-sigurta ta’ fire hydrant fil-fabbrika taghha.

“Il-korporazzjoni konvenuta sostniet illi hija ma tistax tissuplixxi il-pressa tal-ilma mehtiega sabiex ikun jista jahdem kif suppost il-fire hydrant ghaliex jekk taghmel dan jinfaqghu il-kanen tal-ilma.

“Ikkunsidrat :

> "Illi l-Qorti rat illi minn imkien mill-Ligi ma jirrizulta illi l-korporazzjoni konvenuta hija obbligata tforni lis-socjeta attrici ilma ghall-fire hydrant. F'dan ir-rigward la hemm obbligu legali u lanqas ma hemm obbligu kuntrattwali.
>
> "Is-subartikolu 2 tal-Artikolu 3 tal-Kap. 355 jghid illi l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma tista tissuplixxi ilma ghall-finijiet domestici, kummercjali, industrijali jew ohajn. Is-subartikolu 3 illi jelenka id-dmirijiet tal-korporazzjoni imkien ma issemmi illi l-korporazzjoni hija obbligata tforni ilma ghall-iskop ta' fire hydrants, jew finijiet kummercjali u / jew industrijali, u dan iffisser illi ghalhekk il-korporazzjoni konvenuta mhijiex obbligata tissuplixxi l-ilma ghall-fire hydrants.
>
> "Illi l-Qorti rat ukoll illi minkejja il-fatt illi s-socjeta' attrici ippruvat il-kwalita tas-servizz il-gdid tal-ilma, wara li dan kien inqata fl-2004, is-socjeta' attrici ma ressqet l-ebda prova biex turi kif kien is-servizz qabel ma inqata dan is-servizz.
>
> Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta, tichad it-talbiet attrici; Bl-ispejjez kontra is-socjeta attrici".

**<u>Rikors tal-appell ta' Paul u William Beck in rappreżentanza ta' Beck Graphics Ltd (17.04.2012)</u>**

**3.** L-atturi nomine ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha.

**4.** L-aggravju prinċipali tal-atturi appellanti *nomine* huwa li l-ewwel Qorti iiddeċidiet "*ultra petita*" in kwantu ma kien hemm l-ebda eċċezzjoni da parti tal-Korporazzjoni konvenuta appellata li hija ma għandhiex l-obbligu legali li tforni l-ilma għal *fire hydrant*. Jaċċennaw għall-fatt illi l-ewwel Qorti iddeċidiet favur l-eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni appellata proprju fuq din il-konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' obbligu tagħha. Huma

jargumentaw illi kien ikun ridikolu kieku l-Korporazzjoni appellata għamlet eċċezzjoni f'dan is-sens: u cioe` li m'għandhiex l-obbligu li tforni l-ilma għat-tifi tan-nar, meta si tratta ta' ilma li jintuża sabex jintefa nar f'każ ta' emerġenza.

**5.** Huma jgħidu illi sabiex din il-qorti tifhem l-aggravju tagħhom huwa neċessarju li wieħed jara waħda, waħda, x'kienu l-eċċezzjonijiet tal-korporazzjoni appellata.

***6.*** <u>L-ewwel eċċezzjoni</u> tal-korporazzjoni konvenuta appellata tgħid li ma kienitx hi li qatgħet il-provvista tal-ilma. L-atturi appellanti nomine jilmentaw illi din l-eċċezzjoni ma setgħetx tintlaqa' għaliex fil-fatt il-korporazzjoni appellata stess ammettiet li kienet hi li qatgħet is-servizz. Jagħmlu referenza f'dan ir-rigward għax-xiehda ta' Anthony Rizzo tat-18 ta' Jannar 2011, u wkoll għall-ittra datata 17 ta' Mejju 2004 mibgħuta mill-Malta Resources Authority (Dok BG4) lil PropVision Consultants Ltd (li tagħha huma klijenti l-istess atturi appellanti nomine) fejn qalet li hija tat struzzjonijiet lill-korporazzjoni konvenuta appellata "*to immediately reinstate the fire hydrant at Beck Graphics Ltd".*

**7.** <u>It-tieni eċċezzjoni</u> tal-korporazzjoni konvenuta appellata tgħid li s-soċjeta` attriċi ma tistax tippretendi li jkollha servizz tal-ilma bla ma tħallas għal tali servizz. F'dan ir-rigward l-atturi appellanti nomine

jissottomettu li huma qatt ma ppretendew dan u li l-korporazzjoni ma ipprovatx li huma kellhom tali pretenzjoni. Jispjegaw li meta kien tneħħa s-servizz tal-ilma oriġinali għax ma kienx imwaħħal mal-meter, huma ħadu l-passi sabiex japplikaw għall-meter, kif fil-fatt sar.

**8.** <u>It-tielet eċċezzjoni</u> tal-korporazzjoni konvenuta tgħid li fil-fond tas-soċjeta` attriċi hemm tankijiet tal-ilma li minnhom tista' timla' u tissupplixxi tankijiet tal-ilma li jinżammu għat-tifi tan-nar. L-atturi appellanti nomine jgħidu li din l-eċċezzjoni m'għandha x'taqsam xejn mal-mertu u għalhekk ma kien hemm xejn li l-ewwel Qorti setgħet tilqa' jew tiċħad. Jispjegaw li biex is-soċjeta` attriċi setgħet topera bħala printing press kellha bilfors tapplika għal *fire hydrant* u meta dan ingħata twaħħal mal-*mains* tal-ilma. Jispegaw li t-tankijiet tal-ilma huma hemm biss bħala prekawzjoni ulterjuri.

**9.** <u>Ir-raba' eċċezzjoni</u> (jew konsiderazzjoni) tal-korporazzjoni konvenuta tgħid li l-korporazzjoni konvenuta hija "disposta" li tagħti servizz tal-ilma skont il-liġi lis-soċjeta` attriċi jekk u meta l-istess soċjeta` attriċi tapplika għal tali servizz skont il-liġi u tintrabat li tħallas għal tali servizz skont il-liġi. F'dan ir-rigward l-atturi appellanti nomine jargumentaw illi huma hekk għamlu, u s-servizz reġa' ingħata, iżda skont huma kien qisu ma ngħata xejn għaliex il-pressa/volum hija tant baxxa li ma tistax isservi għat-tifi tan-nar. Fil-fatt jaċċennaw għall-fatt li

l-maġġor parti tal-provi huma fuq dan il-punt: u cioe` li s-servizz li reġa' ngħata ma kienx tajjeb. Jirreferu għan-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom fejn saret referenza għax-xhieda kollha li qalu li stante li l-pajpijiet huma iżgħar minn dawk li kien hemm qabel il-pressa/volum mhix tajba. Jgħidu li jirriżulta wkoll li mhumiex konformi mal-istandards Ewropej f'dan ir-rigward.

**10.** Fil-<u>ħames (u l-aħħar) eċċezzjoni</u> tagħha, l-korporazzjoni konvenuta tgħid li l-fatt li l-*fire hydrant* ikun konness ma' *mains* imur kontra l-policy tagħha. F'dan ir-rigward l-atturi appellanti nomine jilmentaw li l-korporazzjoni qatt ma esebiet din il-policy, u fi kwalunkwe każ, anke jekk kien hemm tali policy, ma kellhiex dritt taqbad u tneħħi servizz mingħajr avviż. Jirreferu għax-xiehda tal-inġinier Fabio Stivala tad-19 ta' Ottubru 2010 fejn qal li l-qies tal-kanen għandu jkun ta' erba' pulzieri kif kienu qabel, u fejn anke qal li fil-qrati stess il-konnessjoni għall-fire hydrants hija ta' erba' pulzieri, u li f'Tigne Point (kuntrarjament għal dak li tgħid il-korporazzjoni konvenuta) għadhom kemm stallaw *fire hydrants* mal-mains.

**11.** L-atturi appellanti nomine jispjegaw li għamlu dan ir-riassunt tal-eċċezzjonijiet biex juru li fl-ebda waħda minnhom ma hemm dak li fuqu iddeċidiet l-ewwel Qorti, u cioe` illi ma jirriżultax mil-liġi li l-korporazzjoni konvenuta appellata għandha l-obbligu li tforni ilma għall-*fire hydrants*.

Jgħidu li dak li jirriżulta mil-liġi huwa li l-korporazzjoni konvenuta appellata għandha d-dmir li tipprovdi provvista ta' ilma li tkun bi pressjoni ta' kwalita` tajba. (Art. 18(1)(a)(ii) tal-Kap. 355 – l-Att Dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma) u li tipprovdi ilma għal finijiet industrijali (Art. 3(2)(a)).

**12.** Huma finalment jenfasizzaw il-fatt illi minkejja li s-servizz tal-ilma reġa' ingħatalhom fil-mori tal-kawża "*dan ma ġiex ripristinat kif kien oriġinarjament, fis-sens tal-pressa/volum tal-ilma li hemm preżentament*" u jsostnu li dan jista' jitranġa mill-Korporazzjoni billi tindbidel il-kanna għal waħda b'dijametru ta' erba' (4) pulzieri.

<u>**Risposta tal-korporazzjoni konvenuta appellata (07.05.2012)**</u>

Il-korporazzjoni konvenuta appellata wieġbet biex tgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**13.** Hija fl-ewwel lok taċċenna għall-argument tal-atturi appellanti nomine fejn qalu li l-ewwel Qorti ma setgħetx tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tikkummenta illi allura kien l-obbligu tal-istess atturi appellanti nomine li juru li t-talbiet tagħhom kellhom jintlaqgħu, ħaġa li ma għamlux.

**14.** Hija a skans ta' ripetizzjoni tirreferi għal dak sottomess minnha

fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha fejn kienet spjegat b'mod ċar kif jirriżulta li ma kienitx hi li qatgħet il-provvista tal-ilma tas-soċjeta` attriċi, li hija m'għandha l-ebda obbligu (la legali u lanqas kontrattwali) li tissupplixxi ilma għall-*fire hydrant* tas-soċjeta` attriċi, u li minn imkien ma jirriżulta kif kien is-servizz tal-ilma għall-istess *fire hydrant* qabel ma inqata'.

**15.** Targumenta wkoll illi ġia` ladarba, kif jgħidu l-istess atturi appellanti *nomine* stess fir-rikors tal-appell tagħhom, hija (il-korporazzjoni konvenuta appellata) irripristinat is-servizz tal-ilma għall-*fire hydrant*, allura ma baqax lok għall-ewwel talba u wisq anqas għat-tieni.

**16.** In kwantu l-atturi appellanti nomine jirreferu għall-Artikolu 3 tal-Kap 355 tal-Liġijiet ta' Malta, hija tirrimarka li huma mhux qed jiddistingwu bejn dak li skont il-liġi hija <u>għandha</u> tagħmel u dak li <u>tista'</u> tagħmel.

<u>**Sfond ta' din il-kawża:**</u>

**17.** Il-kronologija tal-fatti hija kif ġej:

Snin 80: Mis-snin tmenin (80), meta s-soċjeta` attriċi bdiet topera bħala *printing press*, hija kellha provvista ta' ilma mill-*mains supply*

għall-*fire hydrant* installat fil-bini industrijali tagħha fi Triq San Ġiljan, San Ġwann.

07.02.2004 Waqt li Polidano Brothers Ltd fuq inkarigu ta' Vodafone Malta Ltd kienu qed jiskavaw trinka f'din it-triq, huma laqtu kanna li kienet tikkonnetti l-*mains supply* tal-ilma mal-*fire hydrant* insemmi. Ħaddiema tal-korporazzjoni konvenuta appellata (WSC) sewwew tali kanna dakinnhar stess.

09.02.2004 Il-WSC bagħtet ħaddiema jiskonnettjaw il-kanna minn mal-*main supply* tal-ilma.

08.04.2004 Is-soċjeta` attriċi ikkomunikat mal-WSC f'dan ir-rigward tramite "ProVision Consultants Ltd" sabiex hija terga' tirriattiva l-provvista tal-ilma għall-*fire hydrant* in kwistjoni.[1]

19.04.2004 Il-WSC weġbitha[2] li "*connecting fire hydrants to the water distribution system is against WSC policy*" għal żewġ raġunijiet: (i) għaliex tali sistema mhix ta' min joqgħod fuqha f'każ ta' emerġenza minħabba l-possibilita` ta' qtugħ ta' ilma u (ii) meta jkun hemm *fire hydrants* imqabbda mas-supply tal-ilma dan jista' jwassal għal serq jew abbuż tal-ilma.

[1] Dok BG1, fol 6
[2] Dok BG2, fol 7

27.04.2004 Is-soċjeta` attriċi tramite “ProVision Consultants Ltd” ikkommunikat mal-Malta Resources Authority (MRA) biex tinfurmaha bis-sitwazzjoni.[3]

17.05.2004 Il-MRA wieġbet hekk “*Having considered the facts, the Authority has directed the Water Services Corporation to immediately reinstate the fire hydrant at Beck Graphics Ltd*”.[4]

27.05.2004 Peress li l-WSC baqgħet ma irripristinatx il-komunikazzjoni tal-ilma, l-atturi nomine intavolaw din il-kawża.

03.08.2004 L-attur Paul Beck tramite d-difensur tiegħu bagħat ittra lill-WSC flimkien ma’ applikazzjoni għall-ilma.

07.10.2004 L-atturi nomine fis-seduta tal-qorti iddikjaraw li riedu li kollhom l-istess servizz li kellhom preċedentement u cioe` l-kobor tal-kanen għandhom jibqgħu l-istess.

25.10.2004 Ġie installat is-servizz tal-ilma mitlub mill-atturi *nomine* (imqabbad ma’ meter).

[3] Dok BG3, fol 8
[4] Dok BG4, fol 9

06.12.2004 Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili[5] (James Newell, Senior Station Officer) iċċertifikat illi hija u l-WSC għamlu testijiet fuq il-*fire hydrant* in kwistjoni, u "*…it was established that the flow and pressure are not sufficient for our fire trucks, flow and pressure are 1.8bar 180l/p/m as listed in red 96 by WSC Engineer Stefan Riolo….*".

**<u>Il-kwistjoni dwar il-wisgħa tal-kanna u l-pressa tal-ilma</u>**

**18.** It-talba tal-atturi nomine f'din il-kawża kienet biex il-WSC tiġi ordnata "*tirripristina l-komunikazzjoni tal-ilma mal-fire hydrant*". Kif ġie spjegat, nonostante l-oppożizzjoni oriġinali tal-WSC, hija fil-mori tal-kawża fil-fatt reġgħet ipprovdiet servizz tal-ilma lill-*fire hydrant*. Qamet kwistjoni sħiħa pero` dwar jekk il-kanna li waħħlet il-WSC hiex tal-istess diametru li kellha dik oriġinali. L-atturi nomine jsostnu li l-kanna oriġinali kellha diametru ta' erba' (4) pulzieri (10cm) u jilmentaw li l-kanna li ġiet installata għandha diametru iżgħar u għalhekk issa l-pressa tal-ilma li jgħaddi minnha mhux adegwat għat-tifi tan-nar.

**<u>Id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti</u>**

**19.** L-ewwel Qorti irriferiet għall-Kapitolu 355 u irriteniet li l-WSC mhix obbligata tissupplixxi l-ilma għall-*fire hydrants.*

[5] Fol 42

**20.** Osservat ukoll li minkejja li s-soċjeta` attriċi ipprovat il-kwalita` tas-servizz il-ġdid tal-ilma wara li dan reġa' ingħata fil-mori tal-kawża, ma ressqet l-ebda prova biex turi li kien qabel ma nqata'.

**21.** Hija mbagħad laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-WSC u ċaħdet it-talbiet attriċi.

**<u>L-aggravji</u>**

**22.** L-atturi appellanti nomine, fir-rikors tal-appell tagħhom jagħtu r-raġunijiet tagħhom għaliex kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-WSC. Effettivament, fil-fehma ta' din il-qorti, ġia` ladarba fil-mori tal-kawża l-WSC ikkonnettat mill-ġdid il-*fire hydrant* mal-*mains* tal-ilma (din id-darba bil-meter) l-eċċezzjonijiet tal-WSC ġew sorpassati bl-eventi u l-ewwel Qorti messha astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

**23.** Fi kwalunkwe każ, kif argumentat l-istess WSC fir-risposta tal-appell tagħha, anke jekk l-ewwel Qorti ma setgħetx tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, xorta jibqa' l-fatt li s-soċjeta` attriċi kellha tipprova għaliex it-talbiet tagħha kellhom jintlaqgħu.

**24.** L-atturi appellanti nomine jilmentaw illi l-ewwel Qorti marret *ultra petita* meta ikkonkludiet li ma jirriżultax li l-WSC hija obbligata tforni ilma

għall-*fire hydrant*, u li la kellha obbligu legali u lanqas obbligu kontrattwali.

**25.** Fil-fehma ta' din il-qorti, ladarba fil-mori tal-kawża l-WSC effettivament forniet l-ilma għall-*fire hydrant*, ma kienx hemm lok li wieħed jindaga dwar jekk hiex obbligata jew le li tforni tali ilma. Fil-fehma ta' din il-qorti, invece, in vista tal-mod kif inhi formulata l-ewwel talba (u cioe` biex jiġi "ripristinat" is-servizz tal-ilma mal-*fire hydrant*) u tenut kont tal-fatt li fil-mori tal-kawża l-WSC reġgħet tat lis-soċjeta` attriċi s-servizz tal-ilma lill-*fire hydrant*, dak li jrid jiġi stabbilit fl-ewwel lok hu jekk is-servizz il-ġdid tal-ilma kienx jammonta għal "ripristinazzjoni" tas-servizz oriġinali. Il-preokkupazzjoni tal-atturi appellanti nomine hi li s-servizz il-ġdid ma jipprovdix il-volum u l-pressa neċessarji għat-tifi tan-nar bħal ma kien is-servizz oriġinali. Għalhekk irid isir eżami tal-provi prodotti f'dan ir-rigward.

**26.** L-iktar parti relevanti tas-sentenza appellata f'dan ir-rigward għalhekk hija dik fejn l-ewwel Qorti osservat illi s-soċjeta` attriċi ma ipprovatx kif kien is-servizz tal-ilma oriġinali, u għalhekk wieħed ma setax jikkomparah mas-servizz il-ġdid (u konsegwentement ma ġietx ippruvata jekk kienx hemm ripristinazzjoni jew le). L-atturi appellanti nomine f'dan ir-rigward jgħidu invece li l-pressa/volum ma baqgħux kif kienu oriġinarjament u jsostnu li għandha tinbidel il-kanna għal waħda

b'diametru usa, u cioe` ta' erba' pulzieri sabiex is-servizz iservi għal skop ta' *fire hydrant* kif kien qabel. It-teżi tal-atturi appellanti *nomine* għalhekk hi illi jekk il-kanna tinbidel għal waħda b'diametru ta' erba' pulzieri (kif skont huma kienet qabel) huma jkollhom il-pressa/volum neċessarju għall-*fire hydrant*. Din il-qorti għalhekk ser tqis l-aggravju tagħhom f'dan ir-rigward.

**<u>Ir-"ripristinazzjoni" o meno tal-komunikazzjoni oriġinali tal-ilma għall-iskop ta' fire hydrant</u>**

**27.** L-atturi appellanti nomine inkarigaw lill-inġinier Fabio Stivala biex jagħmel rapport[6] dwar is-sitwazzjoni tal-*fire hydrant* wara li din reġgħet ġiet ikkomunikata mal-*mains supply* fil-mori tal-kawża. Huwa qal li "*The original fire hydrant system consisted of a ductile iron 4*" *pipe which fed off the WSC mains pipeline which ran buried beneath the road*". Qal li wara li l-WSC kienet għamlet "*disconnection of the 4 inch ductile iron pipe which branched of a large diameter water main*" hija stallat "*two x ¾ inch diameter branch offs feeding a 1.5*" *water meter reconnecting the 4" fire hydrant to a different WSC main network buried through the middle of St Julian's Road…*". Huwa ikkonstata li l-kanen li ġew installati mhumiex biżżejjed biex tali ilma jkun jista' jintuża għall-*fire hydrant* u irrakkomanda li l-WSC "*install 4" branch off the new mains pipe in road*". Irrefera wkoll għall-konklużjonijet tas-Civil Protection

[6] Rapport tal-Inġinier Fabio Stivala, fol 48 et seq

Department, u cioe` li l-komunikazzjoni l-ġdida kienet inadegwata għat-tifi tan-nar.

**28.** L-inġinier Stefan Riolo pero`, (Regional Engineer mal-WSC) fl-ewwel lok sab li dan ir-rapport ta' Stivala fih "*a technical error, in that it refers to WSC's new connection as consisting of two x ¾ inch mm pipes feeding a 1½ inch meter. The new connection comprises of two x 32mm tappings, feeding two x 32mm pipes, which subsequently feed 50mm pipe work up to the billing meter. The fititngs used in this connection are in line with the latest technical solutions available in the water industry*".[7] (Fil-fatt l–istess Stivala, sussegwentement fix-xhiehda tiegħu[8] ikkonferma li ż-żewġ pajpijiet (branch offs) huma ta' 1½" diametru il-wieħed u mhux ta' ¾" kif semma fir-rapport tiegħu). In oltre l-inġinier Riolo jgħid illi "*The report of Ing Stivala is, as it stands alone, technically correct in suggesting a 4" connection to maintain a flow of 1500 l/min at 1 bar. However this suggestion presumes a major supposition that the WSC's system is capable, upstream of the said hydrant, of attaining such a flow. Understandably Ing Stivala is unacquainted with the network fittings and functions run by the WSC*".

**29.** Fix-xhieda tiegħu l-istess inġinier Riolo[9] spjega li xi snin qabel il-WSC kienet installat apparat intiż propju sabiex inaqqas il-pressa tal-

[7] Dok SRX1, fol 72
[8] Xhieda ta' Fabio Stivala tat-30.03.2010, fol 142 et seq
[9] Xhieda ta' Stefan Riolo tas-06.10.2005, fol 59 et seq

ilma. "….*ftit qabel il-fire hydrant il-water services għandha apparat li jnaqqas ħafna s-saħħa tal-ilma…dan l-apparat li tuża l-Water Services huwa nstallat xi mitt metru 'l fuq minn dan il-fire hydrant u dan l-apparat jimmoniterja l-flow u l-pressa, jikkontrollaha biex innaqqsu l-ħsara tal-ilma*". Huwa qal illi għalkemm huwa minnu li jekk id-diametru tkun eħxen se jidħol iktar ilma, dan l-apparat inaqqas ħafna s-saħħa tal-ilma. Spjega li dan l-apparat kien twaħħal xi sentejn jew tliet qabel ix-xhieda tiegħu – u allura fl-2002 jew 2003 - u cioe` qabel ma inqala' l-inċident fejn ġie skonnettat is-servizz u reġa' ġie ikkonnettat. Huwa, fuq domanda tal-ewwel Qorti ikkonferma illi wara li ġie installat dan l-apparat, l-ilma li jgħaddi ma jistax ikun effettiv fir-rigward ta' nirien li jistgħu jinqalgħu. "*Fil-fatt mhuwiex effettiv żgur, la f'dik il-fabbrika, u fl-ebda fire hydrant li hawn installat wara dawn is-sistemi, ma tista' qatt tkun effettiv le*". Huwa ikkonferma li kwalunkwe bniedem li qed iwaħħal *fire hydrants* wara li ġie stallat dan l-apparat mill-WSC (propju biex tikkontrolla l-pressa), mhux se jkollu ilma adegwat f'każ ta' nirien, fl-ebda post. Huwa spjega li qabel mal-WSC stallat dan l-apparat kien ikun hemm pressa eċċessiva u kienu jinkissru main supplies b'riżultat li kien ikun hemm ħafna ħela tal-ilma. Kompla jgħid li bl-istallazzjoni ta' dan l-apparat tali problema ġiet solvuta. Qal li bħala konsegwenza l-*fire hydrants* in ġenerali, ma jibqgħux iktar adegwati għal xogħolhom.

**30.** Dan kollu jfisser illi irrispettivament mid-daqs tad-diametru tal-

kanna li stallat il-WSC biex reġgħet ikkommunikat il-*fire hydrant* tas-soċjeta` attriċi mal-mains supply mill-ġdid fl-2004, il-pressa/volum tal-ilma sa dak iż-żmien (minħabba l-apparat li kienet stallat il-WSC biex tnaqqas il-pressa/volum tal-ilma in ġenerali) diġa` kien inadegwat għat-tifi tan-nar. Għalhekk il-*fire hydrant* li kellha s-soċjeta` attriċi meta l-WSC skonnettjat il-komunikazzjoni oriġinali mal-*mains supply* (jumejn wara l-inċident ta' meta Polidano Brothers Ltd laqtu l-kanna) kien diġa` inadegwat għat-tifi tan-nar. Bl-ikkunnettjar tas-servizz il-ġdid allura ma nbidel xejn. Bl-ikkunnettjar tas-servizz mill-ġdid effettivament reġgħet ġiet irripristinata l-komunikazzjoni (diġa` inadegwata) tal-*fire hydrant* mal-*mains supply*. (Kif osservat l-ewwel Qorti, l-atturi appellanti nomine ma ġabux provi biex juru kif kien is-servizz qabel: u wisq anqas ma ipprovaw li qabel ma nqatgħet il-provvista tal-ilma li titma' l-*fire hydrant* il-pressa kienet adegwata għat-tifi tan-nar). Għalhekk in vista ta' dan kollu, din il-qorti hija tal-fehma li t-talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu.

**<u>Decide</u>**

Għalkemm (kif diġa` ġie spjegat) l-eċċezzjonijiet tal-WSC ma baqgħux iktar relevanti stante l-konnessjoni tal-*fire hydrant* mal-*mains supply* mill-ġdid fil-mori tal-kawża, din il-qorti qed tilqa' in parte l-appell tal-atturi appellanti *nomine* u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-korporazzjoni appellata u din il-Qorti minflok

qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom u tikkonfermaha fil-bqija.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-atturi appellanti nomine ħlief dawk tal-eċċezzjonijiet tal-korporazzjoni appellata li l-ispejjeż tagħhom taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess korporazzjoni appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb